**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 438/2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur (Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Michael Zammit**

Illum 31 ta' Lulju 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Zammit detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 0520370(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

> Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jezegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Joseph Camilleri fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-06 ta' Dicembru 2018 fejn wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat Michael Zammit hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewro (€500). Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannat lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mill-istess Regsitratur tal-Qorti s-somma ta' €897.31 rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-Perit Mario Cassar.

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Zammit, ppreżentat fl-10 ta' Dicembru 2018, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'mod ewlieni l-appellant jilmenta illi fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-mertu, l-Ewwel Qorti ghamlet referenza biss ghar-rapport tal-espert minnha mahtur il-Perit Mario Cassar u ma qiesitx il-prova maghmula mid-difiza permezz ta' rapport iehor imhejji mill-Perit Alan Saliba u li kien gie ipprezentat fil-kawza civili pendenti bejn il-ko-litigandi. Dan ghaliex jishaq illi l-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Saliba jezonerawh minn kwalsiasi responsabbilta ghal att inkriminatorju li dwaru huwa qieghed jigi akkuzat fil-presenti istanza.

Illi sabiex jigi mistharreg dan l-aggravju l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali minn fejn jirrizulta illi nhar il-15 ta' Ġunju 2014 għall-ħabta tal-10:30am Joseph Camilleri, l-partie civile, rrapporta l-għassa ta' Birżebbuġa illi hu għandu għalqa fl-akwata magħrufa bħala ta' Salvun aċċessibbli minn Triq Tal-Ġebel, Birżebbuġa fejn persuna mhux magħrufa kienet neħħiet sqaq li jwassal minn Triq tal-Ġebel għall-imsemmija akwata ta' Salvun. Hu saħaq li l-aħħar li mar hemm kien fil-15 ta' Ġunju 2008 u ghalhekk ma kienx innota dan it-tibdil fil-konfigurazzjoni tal-isqaq qabel id-data tar-rapport. In oltre l-kwerelant saħaq illi fuq l-isqaq inbena ħajt li jagħmel parti minn għalqa oħra. Il-kwerelant saħaq ukoll illi hu kien jaċċedi għall-għalqa tiegħu billi jgħaddi biswit il-ħajt iżda din l-aħħar ġimgħa ġie mwaqqaf minn persuna li għandu l-għalqa quddiem tiegħu. Innota wkoll li kien hemm xatba li ma kinitx eżistenti lanqas. Meta mitkellem mill-pulizija l-appellant

saħaq illi n-nutar tiegħu kien ipprova jikkomunika ma' Camilleri diversi drabi iżda inutilment u dan sabiex jurieh il-kuntratti kollha li huwa kien ġabar fuq l-artijiet. Zammit ikkonferma li kien hu li nstalla x-xatba u fil-fehma tiegħu din ġiet installata fil-propjeta' tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Preliminarjament jigi rilevat illi r-reat ta' raggion fattasi huwa regolat mill-artikolu 85 taI-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minn fejn johorgu l-elementi ta' dan ir-reat kopjozament mistharreg mill-qrati taghna minn fejn gie mghallem illi r-reat jissusisti kull meta isehh:

> **a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;**
>
> **b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;**
>
> **c)ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;**
>
> **d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi;**
>
> **Inoltre, ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu[1].**

Għad dak li jirrigwarda l-kwistjoni tat-titolu u tal-pussess, jidher ukoll ċar mid-diċitura tal-liġi illi min jikkometti r-reat ta' raggion fattasi ma jistax jiġi skużat minħabba l-fatt li hu għandu titolu fuq l-oġġett jew fuq il-propjeta' li qed jippretendi d-dritt fuqha. Ir-reat jista' jissusisti f'kaz ta sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett kif ukoll sempliċiment meta persuna jkollha d-dritt li tgawdi jew tuża l-ħaġa jew il-propjeta' u li hi ma tkunx tista tkompli b'dan l-użu jew tgawdija minħabba l-azzjoni ta' min ikommetta l-att spoljattiv[2].

---

[1] Pulizija vs Anthony Zahra deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Ġunju 2014. Ara wkoll fost oħrajn Pulizija vs Mario Bezzina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Michael Lungaro, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Seded Inferjuri kif ippreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u Pulizija vs Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono u datata d-19 taż Ġunju 2002.

[22] Il-Pulizija vs Joseph Bongailas Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

Fil-fatt gie deciz illi[3]:

> **'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'.**

Illi l-appellant ma jressaq l-ebda aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti ghajr li jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha taccetta l-konkluzjonijiet milhuqa minn espert mahtur minn qorti ohra u mhux dawk tal-espert minnha nominat sabiex jassistieha. Fil-fehma tal-appellant gjaldarba r-rapport tal-Perit Alan Salibaipprezentat fil-kawza civili pendenti bejn il-ko-litigandi jifforma parti mill-atti u kwindi jiffurmaw parti ntegrali tal-provi li fil-kontenut tieghu, jiskredita l-konklużjonijiet tal-Perit Cassar, dan kellu jwassal sabiex l-appellant jiġi lliberat mill-akkuza lilu addebitata, gjaladarba dan kellu jwassal għal dubbju raġonevoli li jimmilita favur tieghu.

Illi fil-mori tal-appell il-pendenza quddiem il-Qorti Civili tal-Prim'Awla bejn il-ko-litigandi giet determinata b'sentenza moghtija fid-09 ta' Lulju 2019 f'kawza fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Michael Zammit et li ghaliha l-appellant jaghmel referenza fil-verbal tad-19 ta' Gunju 2020. Illi ghalkemm l-Prosekuzzjoni u l-parte civile jikkontendu illi dan il-gudizzju ta' indoli civili ma ghandu ikollu l-ebda piz fuq din l-azzjoni penali, madanakollu fis-sentenza taghha il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddeterminat n-natura tal-pussess li ghandu l-parti leza f'dawn il-proceduri u dan billi dan kien wiehed mill-elementi li ried jigi stabbilit fl-azzjoni ta' spoll li kellha quddiem dik il-Qorti, bhalma hu wiehed mill-elementi mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni penali odjerna tal-hekk imsejjah *raggion fattasi* kif hawn fuq imfisser, ghalkemm fil-kamp penali dan il-pussess huwa moghti tifsira aktar wiesgha. Illi rigward il-pussess tal-parti leza gie hekk deciz:

[3] Il-Pulizija vs John Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

**“Applikati, dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta li l-ewwel element tal-pussess mehtieg ghall-azzjoni odjerna, ma jidhirx li huwa ppruvat. Ir-rikorrenti qed jikkontendu li ghandhom dritt ta’ passagg bir-rigel u bil-bhima ghall-ghalqa taghhom, kif jirrizulta mill-kuntratt tal-akkwist li bih missierhom Paul Camilleri kien akkwista l-ghalqa in kwistjoni. Difatti, fil-kuntratt esebit mar-rikors promotur, a fol 5 jirrizulta li Camilleri kellu d-dritt ta’ passagg bir-rigel u bil-bhima minn fuq l-art li tikkonfina mat-tramuntana Michael Angelo Axiaq. Madankollu, irrizulta manifestament car anke mill-eskussjoni tal-Perit Tekniku, li d-dritt ta’ passagg vantat mir-rikorrenti ma kienx fuq l-ghalqa tal-intimat izda kien fuq habel iehor, u cioe` minn ghalqa aktar ‘il fuq f’livell aktar gholi li ma kintix parti mill-art li giet akkwistata mill-intimat Michael Zammit. Gjaladarba r-rikorrenti qed jorbtu l-pussess taghhom ma passagg li jghidu li kien jghaddi minn fuq l-ghalqa ta' Michael Zammit, din il-Qorti ma tistax taccetta bhala pruvata dan il-jedd tal-pussess fid-dawl tal-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku li qed taghmilhom taghha. Dan qed jinghad biss fil-kuntest tal-element ta' pussess billi din il-kawza ma tippermettix indagni fuq titlu petitorju.**

Illi allura dan ifisser illi l-pussess fil-parte civile tal-passagg minnu reklamat ma huwiex ppruvat. Mhux biss izda din il-qorti tqies illi lanqas mera detenzjoni jew tgawdija ma tista’ tissussiti billi *ex admissis* l-parte civile jistqarr illi dan il-passagg ilu ma jigi uzat minnu sa mis-sena 2008. Illi huwa ressaq r-rapport mal-pulizija fis-sena 2014 meta Camilleri indenja ruhu jzur ir-raba’ tal-familja tieghu u sab hajt mibni u xatba li *del resto* jirrizulta li saru principarjament minn certu Antoine Grima (kjamat fil-kawza civili) u mhux biss mill-appellant. Difatti fis-sentenza iccitata jinghad hekk:

**“Mill-provi jirrisulta li l-kjamat fil-kawza kien l-awtur materjali tal-att spoljattiv, ghalkemm jghid li dan sehh bil-kompjacenza tal-intimat.”**

Illi ghalhekk ghalkemm huwa minnu kif tikkontendi l-Prosekuzzjoni illi l-proceduri ta’ natura civili ma ghandhom ikollhom ebda piz fuq dawk ta’ indoli penali, madanakollu l-Qorti ma tistax tasal sabiex tbiddel il-fatti tal-kaz kif stabbiliti f’gudizzju moghti minn qorti ohra. Fuq kollox dawn il-fatti jemergu ukoll mill-atti probatorji fejn sahansitra PS186 Shaun Vassallo fl-affidavit tieghu jikkonferma illi Camilleri stqarr mieghu li l-ahhar li kien acceda fl-ghalqa kien fil-15 ta’ Gunju 2008 ghal habta tat-8:00am, u nduna li l-isqaq kien tnehha fit-08 ta’ Gunju 2014 ghal habta tal-10:30am, sitt snin

wara. Mhux biss, izda l-parti leza lanqas iressaq provi dwar l-uzu jew tgawdija li kien qed isir minn dan il-passagg fis-snin precedenti is-sena 2008 ghajr li jikkontendi illi hemm dritt ta' passagg kif stabbilit fil-kuntratt tal-akkwist tar-raba mill-aventi causa tieghu.

Minn naha tieghu, l-appellant Michael Zammit jikkontendi illi meta huwa akkwista l-proprjeta kien ghamel ir-ricerki kollha permezz ta' Nutar Pubbliku minn fejn id-dritt ta' passagg favur l-parte civile ma rrizultax. Dan jikkonfermah in-Nutar Antoine Agius li xehed fil-proceduri civili u li l-partijiet iddikjaraw permezz ta' verbal maghmul quddiem l-espert nominat mill-Qorti il-Perit Mario Cassar fis-seduta mizmuma quddiemu fil-11 ta' Lulju 2016. L-appellant ighid ukoll illi *a tempo vergine* kien sahanistra pprova jaghmel kuntatt mal-parti leza sabiex jurieh id-dokumenti u l-kuntratti li kellu f'idejh izda dan baqa' ma wegbux. Illi allura lanqas l-element intenzjonali ma jista' jissusisti billi l-appellant ma kellux konnoxjenza tal-fatt illi l-parte civile kien igawdi xi dritt ta' passagg fuq il-parti tal-proprjeta tieghu fejn inbena il-hajt u giet installata xatba.

Gie ritenut illi :

> "**Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha**.[4]" (sottolijnar tal-Qorti)

> **"Hu irrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista Antolisei:**
>
> **"*quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi***

[4] Il-Pulizija vs Eileen Said App.Krim 19/06/2002

***ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico[5]."***

Illi anke jekk il-Qorti kellha tistrieh fuq il-konkluzjonijet raggunti mill-perit nominat mill-Ewwel Qorti, dawn jirreferu ghal kwistjoni dwar jekk jezistiex o meno id-dritt ta' passagg kif reklamat mill-parte civile u mhux jekk huwa kellux xi forma ta' pussess jew tgawdija fuq dan il-passagg, li kif inghad l-access ghalih ma kienx qed jigi uzufruwit mill-parti leza ghal diversi snin. Dan dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet civili spettanti lil parti leza ta' natura petitorja.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatt illi l-elementi tar-reat addebitat lill-appellanti ma jirrizultaw ippruvati u ukoll peress illi hemm kunflitt fil-provi dwar jekk l-parti leza kellux it-tgawdija tal-uzu tal-passagg kif reklamat, il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti qed tilqa' l-appell, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur

[5] Il-Pulizija vs Mario Lungaro – App.Inf 15/11/1996